**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar it-Tlieta 1 ta' Frar 2022</u>**

**<u>Rikors nru: 213/2021 AGV;</u>**

**DAB**

**Vs**

**HS**

**WS**

**Kuraturi Deputati jirraprezentaw lil minuri**

**Direttir Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 31 ta' Awwisisu 2021 fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat li;**

1. Illi l-attrici kellha relazzjoni mal-intimat HS u kellha tarbija li hasbet li kienet tieghu, u poggiet isem il-missier bhala tieghu.
2. Illi pero' jirrizulta li wara li sar test tad-DNA, li dit-tarbija ma kienetx tieghu imma ta' terza persuna ohra li jismu YS, l-intimat l-iehor.
3. Illi ghandu jirrizlulta li l-missier naturali huwa YS u mhix l-intimat l-iehor, u dan kif jirrizulta minn test tad-DNA.
4. Illi ghalhekk hemm bzonn li jinbidel ic-certifikat tat-twelid u minflok il-missier li hemm mnizzel jitbiddel u jsir YS li hu l-missier naturali u dan sabiex jitnizzel l-isem fuq ic-certfikat tat-twelid.

**Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din Onorabbli Qorti sabiex;**

1. Tordna li jsiru testijiet medici kollha sabiex tigi stabbilita il-minuri ta' min hu, u li minnhom ghandu jirrizulta li l-konvenut huwa l-missier naturali tal-minuri.
2. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha taghti fic-cirkustanzi tiddikjara illi ai fini u effetti kollha tal-Ligi l-konvenut Habibou Sow mhux il-misseir naturali imma WS, tal-minuri.
3. Tiddikjara u tiddeciedi li WS huwa l-missier naturali tal-minuri.
4. Tawtorizza u tordna lid-direttur Registru Pubbliku sabiex fl-atti tat-twelid tal-minuri numru progressiv numru 0084391 tal-minuri jaghmel is-sostituzzjonijiet mehmuza billi fl-att tat-twelid.

5. Tordna lil istess Direttur Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid kif korrett;
6. Tawtorizza u jordna kull modifika ohra in vista tat-talbiet u jekk ikun opportun f' kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ingunti ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku datata 10 ta' Dicembru 2021, fejn espona bir-rispett u kkonferma;**

1. Illi in vena preliminari, l-esponenti huwa tal-umli fehma illi din l-Onorabbli Qorti, ghandha tahtar kuraturi deputati ghall-minuri AS, ai termini tal-artikolu 783 tal-Kap 12 tal-ligjiet ta' Malta, stante li dil-kawza, titratta l-filjazzjoni tieghu;
2. Illi fil-mertu, l-esponenti jistqarr li mhux edott mill-fatti li gew ddikjarati fir-rikors guramentata;
3. Illi minn dokumenti annessi mar-rikors promutur, jidher li diga' sar test tad-DNA, li jikkonferma li ghalkemm l-att tat-twelid, tal-minuri, innumerat 5701/2019 juri li l-konvenut HS bhala l-missier, in efetti l-konvenut WS huwa l-missier bijolgiku tal-minuri. Ghal tali test, l-esponent ma jsib ebda oggezzjoni salv pero' li dan ghandu jkun mahluf minn Dr. Christopher Farrugia;
4. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-attrici ghandha titlob li ssir id-debita korrezzjoni fl-isem tal-missier, stante li mid-dokumentazzjoni ufficcjali disponbibbli jidher li huwa jismu "W" u mhux "WB".

5. Illi fir-rigward tar-raba' talba attrici, l-esponent jissottometti li din ukoll ghandha tigi debitament korretta stante li l-numru progressiv tat-twelid tal-minuri A mhux 0084391 kif tikkontendi r-rikorrenti, izda 1507/2019;
6. Illi bla hsara ghas-suespost, f' kaz li jintlaqghu t-talbiet rikorrenti, l-esponenti jistieden lil konvenut WS , sabiex permezz ta' nota jirprezenta d-dettalji tieghu, senjatament , in-numru tal-Karta tal-Identita' tieghu, Ismu u kunjomu, L-eta 'tieghu meta twieled il-minuri, Il-post tat-twelid tieghu, Il-post tar-residenza tieghu meta twieled il-minuri, Isem u kunjom il-genituri tieghu, u jekk il-missier patern kienx haj meta twieled il-minuri A Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tkun tista' tigi inserita fl-Att tat-Twelid, tal-minuri A;
7. Illi bla pregidzzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li l-partijiet kontendenti, ghandhom jiddeciedu b' mod defnittiv, liema kunjom ghandu jassumi l-minuri A;
8. Illi fir-rigward tal-hames talba attrici, l-esponent jissotmetti illi huwa jkun jista' johrog att tat-twelid li jirrfletti l-korrezzjonijiet li jistghu ikunu jigu ordnati min din l-Onorabbli Qorti, kemm-il darba jithallsu d-drittijiet ai termini tal-Ewwel Skeda tal-Kodici Civili;
9. Illi fir-rigward tas-sitt talba attrici, f' kaz li jezisti atti ohrajn li huma registrati mid-Direttur intimat, u li jehtieg li jigu korretti, l-esponent jissotometti illi tali korrezzjonijiet ikunu possibbli kemm-il darba tindika liema huma l-atti li taghmel referenza ghalihom bin-numru pregressiv u s-sena relattiva taghhom;
10. Illi finalment, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-esponenti jissottometti li fi kwalukwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhux attribbwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u ghalhekk ma ghandux jigi assoggettat ghal xi spejjz tal-kawza istanti;
11. Salv eccezzonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qed tigi ingunta minn issa in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata tal-Intimat WS datata 17 ta' Dicembru 2021 fejn espona bir-rispett;**

1. Illi l-intimat qieghed f' relazzjoni mal-attrici DAB;
2. Illi l-intimat tal-kunsens tieghu u ssottometta ruhu volontarjament ghal test tad-DNA sabiex jaccerta ruhu li hu tassew il-missier naturali tal-minuri AB, li huwa diga' jghozz u jrabbi;
3. Illi min dat-test gie xjenitfikament ppruvat li l-intimat WS  hu tassew il-missier naturali tal-minuri A;
4. Illi l-intimat WS jixtieq li jigi rikonxxut bhala l-missier naturali tal-minuri u li jigi korrett ic-certfikat tat-twelid, tal-istess minuri.

Ghaldaqstant, ghar-raguninjiet fuq espeoenti, l-esponentiWWS umilment jotlb lil din L-Onorabbli Qorti, joghgboha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li l-konvenut HS deher fis-seduta u esebixxa rapport tad-DNA li juri li hu mhuwiex il-missier bijologiku tal-minuri imsemmi.

Rat li, ghalhekk, il-partijiet kollha kienu qed jaqblu mal-fatyti kif esposti mill-attrici fir-rikors taghha, u li ma kellhomx provi x'jressqu.

Rat li, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici.

1. Tiddikjara illi ai fini u effetti kollha tal-Ligi l-konvenut HS mhux il-missier naturali imma WS, tal-minuri.
2. Tiddikjara u tiddeciedi li WS huwa l-missier naturali tal-minuri.
3. Tawtorizza u tordna lid-direttur Registru Pubbliku sabiex fl-atti tat-twelid tal-minuri numru progressiv numru 5701/19 tal-minuri jaghmel is-sostituzzjonijiet mehmuza billi fl-att tat-twelid jizdiedu d-dettalji tal-konvenut WS hekk kif indikati minnu.
4. Tordna lil istess Direttur Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid kif korrett;
5. Tordna li isem il-minuri jig korrett u jaqra AWB.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici u mill-konvenut WS f'sehem indaqs bejniethom.

**Imhallef**

**Onor. Anthony G Vella** **Cettina Gauci- Dep Reg**